# Il-pensjoni tas-servizz

FL-AĦĦAR żewġ artikli tkellimt dwar tlieta mill-erba' fatturi ewlenin li tiddependi fuqhom il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi – (i) il-kundizzjonijiet statutorji, (ii) it-test tal-kontribuzzjonijiet, u (iii) id-dħul pensjonabbli. Illum se nittratta r-raba' u l-aħħar fattur importanti – jekk hix titħallas pensjoni tas-servizz. Kif din hi definita? Kif tiġi kkalkulata għal fini tas-sigurtà soċjali? X'effett għandha fuq il-pensjoni taż-żewġ terzi?

## X'inhi Pensjoni tas-Servizz?

L-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jidħol f'ċertu dettall dwar kif jiddefinixxi Pensjoni tas-Servizz. Jibda billi jiddefenixxiha bħala "b'seħħ mill-1 ta' April, 1978, pensjoni jew 'allowance' oħra mogħtija lil persuna f'kull żmien qabel jew wara d-data qabel imsemmija li titħallas minn jew f'isem il-prinċipal tagħha dwar servizzi li jkunu qabel ingħataw f'Malta jew barra minn Malta u għandha f'kull każ singolu titqies fuq bażi mhux kommutata".

Fi kliem aktar sempliċi, din tfisser pensjoni li tkun qiegħda titħallas lil persuna minn eks-prinċipal tagħha għas-servizz li din il-persuna tkun tat f'xi żmien lill-prinċipal tagħha. Tfisser ukoll li l-valur tagħha għandu jkun dak mhux ikkomutat, jiġifieri il-valur gross qabel ma l-persuna (jekk ikollha id-dritt li tagħmilha) iċċedi jew kif popolarment ngħidu "tbigħ" parti minnha jew kollha biex tieħu somma flus minflok. Innutaw ukoll id-data stipulata (1 ta' April 1978). Id-data tikkoinċidi mad-dħul tal-pensjoni taż-żewġ terzi li kienet iddaħħlet fil-liġi appena disa' xhur biss wara. Fil-fatt, id-definizzjoni ta' pensjoni tas-servizz assumiet importanza kbira fil-qafas tal-pensjoni taż-żewġ terzi għax teoretikament, kwalunkwe ammont ta' pensjoni tas-servizz irid jitnaqqas mill-ammont ta' pensjoni taż-żewġ terzi dovut. Madankollu, kif se nispjega, fil-prattika ma jiġrix eżattament hekk.



Fil-fatt, id-definizzjoni ta' pensjoni tas-servizz mogħtija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali kienet emendata matul is-snin minn gvernijiet suċċessivi tant li llum id-definizzjoni tagħha fil-prattika hi pjuttost "imrattba" meta wieħed iqabbilha mal-prinċipju li tlaqna bih fl-1979 – dak li bejn il-pensjoni tas-sigurtà soċjali u l-pensjoni tas-servizz (mhux ikkomutata) persuna ma tistax teċċedi ż-żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tagħha.

Biex nagħtu eżempju, id-definizzjoni msemmija tispeċifika li f'każ li persuna jkollha aktar minn pensjoni tas-servizz waħda, l-ogħla waħda biss tiġi kkunsidrata meta tinħadem il-pensjoni taż-żewġ terzi. Mela fil-prattika, jekk persuna għandha żewġ pensjonijiet tas-servizz, waħda minnhom tiġi injorata għall-fini tal-pensjoni taż-żewġ terzi.

## Miżuri importanti

Fl-1992, id-definizzjoni ta' pensjoni tas-servizz kompliet tittrattab meta kien deċiż li meta persuna tagħlaq 72 sena, il-parti kkomutata (mibjugħa) ma tibqax tiġi kkunsidrata kollha fil-kalkolu tal-pensjoni taż-żewġ terzi iżda 50% minn dan l-ammont ma jiġix ikkunsidrat. Barra minn hekk fl-1995 ma baqgħux jiġu kkunsidrati aktar iż-żidiet mogħtijin fil-pensjoni tas-servizz li jfisser li għall-fini tal-pensjoni taż-żewġ terzi, l-ammont tal-pensjoni tas-servizz ġie ffriżat kif kien fl-1995.

Miżura importanti f'dan ir-rigward kienet dik ta' Ottubru 1997. Dakinhar kienu ddaħħlu tliet emendi importanti fil-liġi. L-ewwel nett, kull pensjoni tas-servizz li l-ammont oriġinali tagħha l-ewwel darba li ngħatat kien ta' mhux aktar minn Lm200 (€466) fis-sena ma baqgħetx tiġi kkunsidrata aktar għall-fini tal-pensjoni taż-żewġ terzi. It-tieni – jekk pensjoni tas-servizz kienet ikkomutata kollha, din ukoll bdiet tiġi injorata kompletament għall-fini tal-kalkolu tal-pensjoni taż-żewġ terzi.

U t-tielet – iż-żidiet, il-bonusijiet u l-'allowances' kollha mħallsin fil-pensjoni tas-servizz bdew jiġu injorati wkoll għall-kalkolu tal-pensjoni taż-żewġ terzi.

Dan fisser li għall-fini tal-pensjoni taż-żewġ terzi, il-valur li beda jiġi kkunsidrat kien dak oriġinali l-ewwel darba li tħallset il-pensjoni tas-servizz nett minn kull aġġustament ieħor.

L-emendi li ddaħħlu fl-1997 kellhom segwent importanti wkoll fl-2008 u l-2009. Fl-2008, kien ġie deċiż li mill-ammont ta' pensjoni tas-servizz kif spjegajt fuq għandhom jiġu injorati €466 oħra fis-sena waqt li fl-2009 bdew jiġu injorati €200 oħrajn fis-sena.

Fit-tabella li qiegħda tidher, permezz ta' tliet eżempji fittizji, qed nispjega kif tiġi kkalkulata l-pensjoni tas-servizz skont id-definizzjoni spjegata fuq.

## L-effett fuq il-pensjoni taż-żewġ terzi

Biex nieħdu l-eżempju (a) fit-tabella li qiegħda tidher, din il-persuna bħalissa f'idejha qed tirċievi pensjoni tas-servizz netta ta' €6,000 fis-sena. Madankollu, kieku ma kkommutat xejn mill-pensjoni tagħha biex tieħu somma flus, kieku din il-persuna qiegħda tirċievi €8,000 fis-sena. Madankollu għall-fini tal-pensjoni taż-żewġ terzi din qed jinjorawlha €666 fis-sena mill-ammont imsemmi sakemm tagħlaq it-72 sena u wara jibdew jinjorawlha €1,666 fis-sena. Jiġifieri mill-ammont dovut ta' pensjoni taż-żewġ terzi jitnaqqsu €7,334 (sal-età ta' 72 sena) u €6,334 (mit-72 sena 'l quddiem) minflok €8,000.

Jekk nieħdu l-eżempju (b), din il-persuna bħalissa f'idejha qiegħda tirċievi pensjoni tas-servizz netta ta' €4,500 fis-sena. Madankollu, minħabba li meta oriġinarjament meta tħallset l-ewwel darba din il-pensjoni, l-ammont tagħha kien inqas minn €466 fis-sena, din il-pensjoni qiegħda tiġi injorata kollha kemm hi għall-fini tal-pensjoni taż-żewġ terzi u mill-ammont dovut ta' pensjoni taż-żewġ terzi, minflok jitnaqqsu €4,500 fis-sena, fil-prattika ma jitnaqqas xejn.

Jekk nieħdu l-eżempju (ċ), din il-persuna bħalissa f'idejha mhi qiegħda tirċievi l-ebda pensjoni tas-servizz minħabba li kienet ikkomutat l-ammont kollu dovut lilha biex tieħu somma flus. Minħabba f'hekk, ġaladarba kienet ikkomutat l-ammont kollu, din il-pensjoni wkoll qiegħda tiġi injorata kollha kemm hi għall-fini tal-pensjoni taż-żewġ terzi u allura anke f'każ bħal dan mill-ammont dovut ta' pensjoni taż-żewġ terzi, minflok jitnaqqsu €2,000 sal-età ta' 72 sena u €1,000 mit-72 sena 'l quddiem, fil-prattika ma jitnaqqas xejn.

Tajjeb li nispeċifika li l-mod kif tiġi kkunsidrata l-pensjoni tas-servizz kif spjegajt fuq, jgħodd mhux biss għall-pensjoni taż-żewġ terzi iżda wkoll għal kull pensjoni oħra tas-sigurtà soċjali, inkluż tar-romol u tal-invalidità.

Fl-aħħar nett, huwa importanti li jingħad li għalkemm fil-prinċipju, bejn il-pensjoni tas-sigurtà soċjali u dik tal-pensjoni tas-servizz (skont id-definizzjoni fuq spjegata) persuna ma tistax teċċedi ż-żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tagħha, fil-fatt fejn jirrigwarda l-pensjoni tal-irtirar tas-sigurtà soċjali, persuna ma tistax tirċievi inqas mill-ammont stipu-

| | |
|---|---|
| (a) Ammont ta' pensjoni tas-servizz mhux ikkomutata | €8,000 |
| Parti ikkomutata | €2,000 |
| Zidiet sussegwenti | € 0 |
| Ammont injorat ghall-fini tal-pensjoni taz-zewg terzi (qabel il-persuna taghlaq 72 sena) | € 666 |
| Ammont injorat ghall-fini tal-pensjoni taz-zewg terzi (meta il-persuna taghlaq 72 sena u wara) | €1,666 |
| **Ammont ikkunsidrat ghall-fini tal-pensjoni taz-zewg terzi (qabel il-persuna taghlaq 72 sena)** | **€7,334** |
| **Ammont ikkunsidrat ghall-fini tal-pensjoni taz-zewg terzi (meta l-persuna taghlaq 72 sena u wara)** | **€6,334** |
| ***Ammont nett ta' pensjoni tas-servizz imhallsa llum*** | ***€6,000*** |
| ***Ammont nett ta' pensjoni tas-servizz imhallsa llum kieku ma kkommutatx*** | ***€8,000*** |
| | |
| (b) Ammont ta' pensjoni tas-servizz mhux ikkomutata | € 425 |
| Parti ikkomutata | € 0 |
| Zidiet sussegwenti | €4,075 |
| Ammont injorat ghall-fini tal-pensjoni taz-zewg terzi | €4,500 |
| **Ammont ikkunsidrat ghall-fini tal-pensjoni taz-zewg terzi** | **XEJN** |
| ***Ammont nett ta' pensjoni tas-servizz imhallsa llum*** | ***€4,500*** |
| | |
| (c) Ammont ta' pensjoni tas-servizz mhux ikkomutata | € 0 |
| Parti ikkomutata | €2,000 |
| Zidiet sussegwenti | € 0 |
| Ammont injorat ghall-fini tal-pensjoni taz-zewg terzi | €2,000 |
| **Ammont ikkunsidrat ghall-fini tal-pensjoni taz-zewg terzi** | **XEJN** |
| ***Ammont nett ta' pensjoni tas-servizz imhallsa llum*** | ***XEJN*** |
| ***Ammont nett ta' pensjoni tas-servizz imhallsa llum kieku ma kkommutatx*** | ***€2,000*** |

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijeit għal kwalunkwe benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament beix tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà so.jali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.gov.mt tibgħat imelj fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella ċċempel fuq in-numru 159.*

lat mil-liġi skont il-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsin u/jew akkreditati.

Fil-każ ta' persuna li l-medja ta' kontribuzzjonijiet tagħha tkun ta' 50 fis-sena jew aktar, il-pensjoni tal-irtirar ma tistax tkun inqas minn €97.07 fil-ġimgħa jekk il-persuna hi miżżewġa, u €79.95 fil-ġimgħa fil-każ ta' persuna waħedha jew li l-konjuġi tagħha hu pensjonant ukoll. Dawn l-ammonti jvarjaw skont il-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsa u/jew akkreditati kemm f'każ ta' xi ħadd li l-medja tiegħu hi ta' bejn 20 u 29 fis-sena, ir-rati msemmijin jinżlu għal €70.68 u €62.30 fil-ġimgħa rispettivament.

Dan allura jfisser, mingħajr ma nidħol fil-mertu dwar għandux isir u hux ġust li jsir tnaqqis meta titħallas pensjoni tas-servizz, li effettivament, f'ħafna każi fejn titħallas pensjoni tas-servizz, bejn iż-żewġ pensjonijiet il-persuna tkun qiegħda tirċievi aktar (u ġieli ħafna aktar) miż-żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tagħha.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

**■ Se ngħaddi għal mistoqsija li rċevejt mingħandkom il-qarrejja. Louis Caruana minn Ħaż-Żabbar, staqsa: "Persuna li twieldet fl-1957 tista' tirtira ta' 61 sena jekk ikollha 35 sena bolol imħallsin? Il-bolol jgħoddu mill-età ta' 18 jew 19? Fuq liema snin tinħadem il-pensjoni?" Nirringrazzja lis-Sur Caruana għall-mistoqsija tiegħu.**

**Fil-każ ta' persuna li twieldet fl-1957, l-età tal-irtirar se titla' għal 63 sena (l-istess se jigri għal min twieled bejn l-1956 u l-1958). Iżda huwa possibbli li persuna li twieldet fl-1952 jew wara tirtira qabel l-età tal-irtirar proprja tagħha. Fil-fatt, fil-każ ta' persuna li twieldet bejn l-1952 u l-1961, din tista' jekk trid titlob il-pensjoni tal-irtirar (taż-żewġ terzi) meta tagħlaq 61 sena (l-istess għall-irġiel u n-nisa). Dan tkun tista' tagħmlu kemm-il darba mis-sena li fiha tkun għalqet id-19-il sena (fil-każ ta' xi ħadd li twieled qabel l-4 ta' April 1958) jew it-18-il sena (għal min twieled mill-4 ta' April 1958 'il quddiem) ikollha total ta' 1,820 kontribuzzjoni imħallsa jew akkreditati (35 sena).**

**Mela fil-kaħ ta' xi ħadd li twieled fl-1957, dan effettivament jista' jieħu l-pensjoni taż-żewġ terzi meta jagħlaq 61 sena jekk kemm-il darba jkollu 35 sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati mis-sena li fiha għalaq id-19-il sena 'l hawn. Madankollu huwa importanti li jingħad li fil-każ ta' dawk li twieldu bejn l-1952 u l-1961, jekk persuna tagħżel li tirtira qabel iż-żmien kif spjegajt fuq, biex din il-persuna ma titlifx id-dritt li tirċievi l-ogħla pensjoni li tista' tirċievi skont id-dħul pensjonabbli tagħha (inkluż il-pensjoni massima), il-35 sena ta' kontribuzzjonijiet meħtieġa jridu jinkludu kważi l-aħħar għaxar (10) snin kollha (l-10 snin sħaħ li jiġu immedjatament qabel is-sena li fiha l-persuna tagħlaq 61 sena) - biex inkun preċiż, irid ikollu disa' snin u xahrejn mill-aħħar għaxar snin imsemmijin. Dan jirriżulta mill-mod kif se jibda jinħadem it-test tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni taż-żewġ terzi għal min twieled bejn l-1952 u l-1961.**

**Mela biex inkun speċifiku għal dan il-każ, la persuna twieldet fl-1957 u allura tagħlaq 61 sena matul l-2018, biex ma titlifx id-dritt li tirċievi l-ogħla pensjoni li tista' tirċievi skont id-dħul pensjonabbli tagħa (inkluż jekk inhu l-każ il-pensjoni massima) hija jrid ikollha kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati b'mod regolari kull ġimgħa, sa mill-inqas għaxar xhur qabel tagħlaq il-61 sena, għalkemm xorta ma tistax tirċievi l-pensjoni qabel tagħlaq il-61 sena. Infakkar ukoll li jekk persuna tagħżel li tirtira qabel iż-żmien kif spjegajt, hija ma tkunx tista' taħdem waqt li tkun qed tieħu l-pensjoni sakemm tilħaq l-età propja tagħha tal-irtirar.**

**Fl-aħħarnett, kif spjegajt ħmistax ilu, fil-każ ta' persuna impjegata, id-dħul pensjonabbli tagħha jinhadem fuq il-medja tal-ogħla pagi/salarji bażiċi fi tlett (3) snin konsekuttivi fl-aħħar 11-il sena ta' qabel l-irtirar. Mela f'dan il-każ, jekk il-persuna tagħżel li tirtira ta' 61 sena fl-2018, l-ogħla pagi/salarji bażiċi li jiġu kkunsidrati huma dawk fi 3 snin konsekuttivi (wara xulxin) fil-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2017.**

*Staqsi lis-sur Mark Musù billi tikteb lil:*
Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont
A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000
*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurta Soċjali" fl-indiriss* ittri@unionprint.com.mt
*il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux kaži privati jew personali*